

# Is-Sodalità tal-Qassisin *In Nomine Mariae* fil-Parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ



**Philip E. Said**



Il-Parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ hi waħda minn żewġ parroċċi f'Malta fejn il-qassisin kienu msieħba f'xirka jew għaqda li kienu għażlu li jibdew isejħu 'Sodalità'. Il-parroċċa l-oħra kienet dik ta' San Pawl Nawfragu, fil-Belt Valletta. Imwaqqfa taħt il-protezzjoni tal-Madonna, din is-Sodalità bdiet iġġib l-isem ta' *In Nomine Mariae, Fl-Isem ta' Maria*, bl-artal tal-Karità bħala s-sede uffiċċjali tagħha. Iċ-ċelebrazzjoni tal-festa tal-Isem ta' Marija, bħala Protettriċi tas-Sodalità tal-qassisin Żebbuġin, kienet u għadha ssir fl-ewwel Ħadd ta' wara l-festa tat-twelid ta' Marija Bambina, fit-8 ta' Settembru. Għalina l-Maltin nafuha bħala l-festa tal-Vitorja.

Bħala fondazzjoni sa mill-bidu tal-istituzzjoni tagħha, is-Sodalità kellha l-istatut u l-fondi finanzjarji tagħha. Regola jew kondizzjoni stretta tas-Sodalità kienet li r-Reverendi membri tagħha kellhom ikunu imwielda Ħaż-Żebbuġ. Qassisin li kienu jservu fil-parroċċa iżda li ma jkunux minn Ħaż-Żebbuġ ma setgħux jissieħbu bħala membri. Kien hemm eċċezzjoni għall-arċiprieti tal-parroċċa u għall-Isqof ta' Malta, li kienu jsiru membri mill-ewwel ex-officio, jiġifieri, bis-saħħa tal-kariga tagħhom. Il-funzjoni ewlenija tas-Sodalità kienet l-għajnuna spiritwali lill-qassisin membri, iżda kienet tgħin ukoll b'offerti ta' elemosina lill-qassisin morda u 'l dawk b'mezzi finanzjarji limitati. Wieħed irid jiftakar li fl-antik – qegħdin nitkellmu fis-seklu dsatax – il-qassis kellu biss għajnuna mill-offerti tan-nies għall-quddies, u terġa' fi żmien aktar 'il bogħod anqas din ma kienet garantita għaliex il-Kurja jew l-awtoritajiet tal-Knisja ma kienet tagħti l-ebda forma ta' rimunerazzjoni għax-xogħol pastorali tal-qassisin. Ta' min jgħid ukoll li sa mis-seklu dsatax, il-Knisja f'Malta kienet pijuniera ta' assistenza soċjali u kienet hi li bdiet l-ewwel skejjel privati għas-subien u bniet foqra jiġġerrew fit-toroq, flimkien mal-ewwel djar ta' kenn bħala karità.

Sodalità bħal din, b'għanijiet spiritwali u fejn jeħtieġ anke materjali, kienet apprezzata ħafna. Fost is-servizzi spiritwali insibu li kien isir bħal *roster* ta' talb kull siegħa għall-qassisin moribondi, u wara l-mewt tal-moribond kull qassis kien jassumi r-responsabbiltà li jqaddes għal dak is-saċerdot li jkun ħalla din id-dinja. Dan is-servizz fi tmiem il-vjaġġ tal-ħajja kien jitqies mill-membri tas-Sodalità bħala dmir sagrosant kif jidher mill-mod rigoruż u regolari li bihom kien jinżamm ir-Reġistru tas-Sodalità bħala parti mill-patrimonju arkivjali tal-parroċċa. L-ewwel data li tidher irreġistrata f'dan ir-Reġistru hi l-1874. Din id-data ma tistax titqies bilfors bħala d-data tal-bidu tal-Fondazzjoni, iżda żgur li hi d-data meta bdiet tinżamm dokumentazzjoni miktuba dwar is-Sodalità. Dan ifisser li s-Sodalità f'Ħaż-Żebbuġ setgħet bdiet qabel l-1874. Mela issa ħa nsemmu xi fatti dokumentati mill-1874 'l hawn fir-Reġistru tas-Sodalità.

L-ewwel entratura bil-kitba hi dik tal-mewt ta' **Monsinjur Gaetano Pace Forno**, Arċisqof ta' Rodi u Isqof ta' Malta. L-Isqof Pace Forno miet fit-22 ta' Lulju 1874. Fil-lista

twila ta' qassisin Żebbuġin (34 b'kollox) li qaddsu b'suffraġju għal ruħ l-Isqof insibu lill-Arċipriet **Dun Pietru Bartolo**, il-Kanonku **Paolo Pulliċino**[1], lil **Dun Salv Ciappara**, awtur ta' *L-Istorja ta' Ħaż-Żebbuġ u l-Parroċċa Tiegħu*, u 'l **Dun Salvatore Trevisan**, dak li stinka biex issir l-istatwa tal-fidda ta' San Filep.

Bħala membri tas-Sodalità, minbarra l-Isqof Pace Forno, insibu tliet Isqfijiet oħra: **Monsinjur Carmelo Conte Scicluna** li miet fit-12 ta' Lulju 1888, **Monsinjur Pietro Pace** li miet fil-25 ta' Lulju 1914, u **Monsinjur Mauro Caruana** li miet fis-17 ta' Diċembru 1943. Jissemmew ukoll tliet Arċiprieti li ma kienux minn Ħaż-Żebbuġ: **Dun Alberto Dalli** (mill-Gudja) li miet fit-6 ta' April 1918, **Dun Salvatore Milanesi** (minn Naxxar) li miet fit-8 ta' Jannar 1959, u **Dun Paolo Galea** (mill-Mosta) li miet fit-22 ta' Diċembru 1982. Kif għidna, L-Isqof ta' Malta u l-Arċipriet tal-parroċċa kienu jsiru membri tas-Sodalità awtomatikament. Jissemma wkoll **Dun Annibale Bonanno** bħala Kappillan ta' San Ġiljan u li miet fl-14 ta' Novembru 1959 u **Monsinjur Lorenzo Zammit** (mill-Birgu), Arċipriet bejn l-1948 u l-1961 u li miet fl-10 ta' Ġunju 1993.

Ma sibt l-ebda referenza għal **Dun Mikiel Xerri** u għall-Isqof **Francesco Saverio Caruana**. Dun Mikiel Xerri miet fis-17 ta' Jannar 1799, waqt li l-Isqof Caruana miet fis-17 ta' Novembru 1847. Minn dak li jidher fir-Reġistru tas-Sodalità li kelli f'idejja, ir-rekordjar tas-servizzi tas-Sodalità beda fl-1874. Mela, l-assenza ta' Dun Mikiel Xerri u l-Isqof Caruana minn dan ir-Reġistru tista' tfisser waħda minn żewġ affarijiet: jew li s-Sodalità kienet għadha ma twaqqfitx jew li kienet twaqqfet diġà u s-servizzi tagħha kienu għadhom ma bdewx jiġu rreġistrati. Aktar riċerka hi meħtieġa f'din il-linja.

## Dun Karm Psaila membru attiv tas-Sodalità

Dun Karm Psaila, bħala saċerdot Żebbuġi, kien membru ta' din is-Sodalità. Jissemma l-ewwel darba bis-sehem tiegħu fis-sigħat ta' talb fil-ħin tal-agunija ta' Dun Salvatore Trevisan. Is-sigħat ta' talb bdew fl-20 ta' April 1896 fit-3 ta' wara nofsinhar. F'din l-istess sena, fid-10 ta' Diċembru, miet is-saċerdot **Filippo Callus**, u fit-22 ta' Diċembru Dun Karm qaddes quddiesa b'suffraġju għal ruħu, bħalma kienu għamlu ħutu s-saċerdoti Żebbuġin, kollegi ta' Dun Filippo Callus. Dun Karm baqa' jagħti sehmu bil-quddies tas-Sodalità, għallinqas sakemm baqa' joqgħod Ħaż-Żebbuġ, kif se naraw: Qaddes għas-saċerdot Żebbuġi **Dun Gio Maria Tabone** li miet fis-16 ta' Diċembru 1896 fl-età ta' 64 sena. Skont ir-Reġistru, Dun Karm qaddes għal ruħ Dun Tabone l-għada ta' mewtu, fis-17 ta' Diċembru. Isem Dun Karm Psaila jerġa' jidher fil-lista tal-qassisin li, bħala membri tas-Sodalità, ċċelebraw quddiesa b'suffraġju ta' **Monsinjur Giuseppe Callus** li miet "bil-konfort tal-Imqaddsa Reliġjon" nhar is-7 ta' Jannar 1900. Skont kif ġie irrekordjat, Dun Karm qaddes din il-quddiesa fl-14 ta' Jannar, ġimgħa wara l-mewt ta' Dun Giuseppe Callus. Fis-26 ta' Ġunju 1910, ħalla din id-dinja biex jidħol fid-dar tal-missier etern is-saċerdot **Pietro Batolo**, "Monsinjur, Kanonku Capitulari u Prelat". Erbat ijiem wara, fit-30 ta' Ġunju 1910, Dun Karm qaddes għal ruħu,*"ho celebrato il 30/6/1910"*. **Dun Salvatore Ciappara** ħalla din id-dinja fit-30 ta' Diċembru 1904 fin-nofs siegħa ta' wara nofsinhar fl-età ta' 72 sena. Dun Karm mexa mal-istatut tas-Sodalità u fl-1 ta' Jannar 1905 offra s-sagrifiċċju tal-quddiesa għal ruħu. Tliet snin wara, fl-1 ta' Mejju 1908, Dun Karm iċċelebra l-quddiesa għal ruħ **Dun Calcedonio Bonello** li miet fit-28 ta' April 1908 u fit-23 ta' Ottubru tal-istess sena qaddes għal ruħ **Dun Paolo Muscat** li miet fid-19 ta' Ottubru 1908 fl-età ta' 72 sena. Fid-29 ta' Mejju 1913, fis-

siegħa ta' billejl, għadda għall-ħajja ta' isbaħ mal-Mulej is-saċerdot **Giuseppe Bonavia**, fl-età ta' 76 sena, assistit mill-konfratelli kollha u bil-komfort tar-Reliġjon Imqaddsa. Fl-4 ta' Lulju 1913, Dun Karm iċċelebra quddiesa b'suffraġju għal ruħu. Ta' min jinnota f'din il-lista ta' qassisin ċelebranti, li Dun Karm hu mniżżel bħala Prof. (Professur) Carmelo Psaila. Bi żball jew b'aljenazzjoni id-data niżżilha bħala 1926 flok 1913. Però Dun Karm kellu ħabta jinsa d-dettalji bħal dati, u din tista' tkun waħda minnhom! B'dan l-istess titlu jerġa' jidher imniżżel fis-sigħat ta' talb waqt il-ħin tal-agunija ta' **Monsinjur Isqof Pietro Pace** D.D. u l-istess fil-lista tal-quddies wara l-mewt tal-Isqof Pace nhar l-Erbgħa 29 ta' Lulju 1914 fil-5:51 tal-filgħodu. Dun Karm baqa' jidher bit-titlu ta' Professur (Prof.) sat-22 ta' Jannar jiġifieri sal-mewt tar-*"Rev'mo Mons. Teol. Cap.* ***Sac. Luigi Attard*** *D.D."* Tidher ukoll dik li tissemma bħala *"Calendazione della Messa letta"* (lista taċ-ċelebranti tal-quddiesa letta) bħala servizz spiritwali lis-saċerdot **Pietro Paolo Bonavia** li miet fil-21 ta' Marzu 1930. Hawnhekk Dun Karm hu mniżżel bħala 'Monsinjur' – *"Mons. Carm. Psaila ha celebrato il 26 Marzo 1930*". U b'dan l-istess titlu jibqa' jidher fil-lista taċ-ċelebranti fil-mewt ta' **Dun P.P. Zammit** (1932), **Dun Filippo Genovese** (1935) u ta' **Mons. Francesco Bonanno** (1938). Dun Pietru Pawl Zammit għamel żmien kappillan tal-Għargħur, u wara irtira f'Ħaż-Żebbuġ. Kien magħruf għall-priedki tiegħu. F'komunikazzjoni personali, is-Sur Toni Cortis qalli li għandu f'idejh il-manuskritt tal-priedki ta' dan is-saċerdot Żebbuġi. Familjari tal-familja Zammit (magħrufin bħala 'Ta' Sardina') u li jiġu z-zijiet ta' Mro. Frank Galea kienu spiss isemmu miegħi lil Dun P. P. Zammit bħala "iz-ziju kappillan".

Dun Karm dejjem qies ruħu bħala wieħed mill-qassisin l-oħra tal-paroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ, qassis Żebbuġi, membru tas-Sodalità *In Nomine Mariae*. Iżda minħabba l-istatura Nazzjonali tiegħu ta' 'l-Poeta Nazzjonali', kien xieraq li jiġi ittrattat aktar fid-dettal. Waħda mir-raġunijiet hi li nsaħħaħ l-idea li Dun Karm kien parti integrali u attiva mill-kleru Żebbuġi u mill-familja taż-Żebbuġin.

Punt ieħor: Il-membri tas-Sodalità minn 34 fl-1874 niżlu għal 20 fl-2010 sa fejn jasal ir-Reġistru. Dan juri kemm l-għadd tal-qassisin fil-parroċċa tagħna baqa' dejjem jonqos minn żmien għal żmien. Interessanti li nkomplu naraw x'ġara fl-intervall ta' 136 sena f'kitbiet oħra 'l quddiem.

## Referenza

[1] Paolo Pulliċino kien Direttur Prinċipali tal-Iskejjel Primarji f'Malta u Għawdex, 1850-1880. It-teoriji tal-edukazzjoni li għallem, is-sistemi ta' tagħlim li introduċa u l-organizzazzjoni tal-iskejjel primarji għadhom jinfluwenzaw is-sistema tal-edukazzjoni f'pajjiżna prattikament kif nafuha llum.

SORBINO
SORBINO
DOOA
Bisazza Street, Sliema
Paola Square, Paola
+356 21337726
+356021228321
HAMAKI HO
SSEINSE



BANDA SAN FILEP A.D.1851